MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 369/2002/1

**Cit Nru: 369/02 JA.**

**Carmelo Stivala.**

**-vs-**

**Ratan Mohnani.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-3 t' April, 2002 li permezz tieghu l-attur ippremetta:

Illi l-konvenut jikri l-fond li jgib l-isem Taj Mahal Restaurant bin-numru 122 The Strand, Gzira b' titolu ta' kera u dan

permezz ta’ skrittura privata bejnu u bejn l-attur li huwa s-sid tal-post. (Dok A).

Illi skond l-istess ftehim il-konvenut kien tenut li jhallas lill-attur bhala kera annwali ghall-istess fond kummercjali kif ahjar deskritt fl-istess kuntratt.

Illi l-konvenut ghamel xi pagamenti izda huwa moruz fil-kera llum fl-ammont totali ta’ Lm17,564.14 rappresentanti bilanc skond l-anness statement (Dok B).

Ghalhekk il-konvenut naqas mill-obbligi tieghu bhala kerrej u ghalhekk hemm lok li jigi terminat l-lokazzjoni presenti.

Ghalhekk jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta’ Lm17,564.17 rappresentanti bilanc dovut skond statement Dok. B.

2. Ttermina l-kuntratt ta’ lokazzjoni billi l-konvenut naqas mill-obbligi tieghu.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fit-22 ta’ Mejju, 2002 li permezz taghha eccepixxa.

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li t-talbiet attrici huma “res judicata”.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu l-eccipjent dejjem hallas il-kera dovuta minnu ai termini tal-ftehim invocat mill-attur.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Dicembru, 2003 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tar-*res judicata*.

Ikkunsidrat:

Illi kif gia intqal il-konvenut qed jeccepixxi *res judicata* a bazi ta' zewg kawzi illi kien intavola l-attur kontra l-konvenut.

Hu risaput illi tlieta huma r-rekwisiti ta' *res judicata* u cioe' *eadem personae, eadem res* u *eadem causa petendi*.

Dawn naturalment jippresopponu li jkun hemm sentenza fuq il-vertenza. Il-fatti ta' dan il-kaz huma li l-attur intavola kawza li giet deciza fit-23 ta' Ottubru, 2001 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili u ohra deciza mill-istess Qorti fil-15 ta' Lulju, 2002. Fl-ewwel wahda huwa talab li l-konvenut jigi zgombrat mill-fond fuq imsemmi a bazi li l-istess konvenut ikkawza hsara fil-fond. Ghalhekk hu car li l- *causa petendi* hija differenti minn dik tal-kawza odjerna fejn qed tintalab terminazzjoni tal-kirja a bazi ta' morozita'.

Fit-tieni kawza l-attur effettivament ghamel l-istess talba li qed jaghmel f' dik odjerna. Madankollu huwa ceda l-mertu ghaliex il-konvenut hallas is-sorte. Kwindi ma nghatat ebda sentenza fir-rigward tal-mertu ghalkemm il-Qorti kkundannat lill-attur fil-capo spese. Kwindi ma' jesistix ir-rekwizit tal-gudikat ghaliex jekk semmai l-attur qed jitlob hlasijiet li gia ddikjara li thallas din tincidi fuq il-mertu tal-kawza odjerna izda ma' jfissirx li l-kawza fuq dan

l-istess mertu giet deciza.  Ghalhekk kif gie rapportat fil-kawza riportata fil-Vol. XLII Pt 1 pagna 98, *ma gietx verament deciza l-identika kwistjoni*.

Dan salv naturalment il-valur probatorju tac-cessjoni tal-mertu tal-kawza in kwistjoni bhala tali.

**Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------